**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 24 ta' Frar, 2017**

Kawza Numru: 45/2016JB

Numru: 12

**Romina Bonnici Galea (K.I.: 22077G)**

***vs***

**Carmel Bonnici (K.I.: 13261G)**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar l-14 ta' Dicembru 2016 fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, l-Attrici talbet li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elfejn, sitt mija u tlieta u hamsin euro u erbatax-il centezmu (€2,653.14) liema somma tirraprezenta nofs is-*surrender value* ta' polza ta' assikurazzjoni fuq il-hajja kif miftiehem skond kuntratt ta' firda personalifl-Atti tan-Nutar Sylvianne Xerri Zahra tal-31 ta' Awissu 2015. Talbet ukoll l-ispejjez, inkluz dawk tal-ittri ufficcjali tas-7 ta' Jannar 2016, tas-27 ta' Settembru 2016 u ta' ohra pprezentata kontestwalment (kollha a fol 54) kif ukoll l-imghax.

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tas-27 ta' Jannar 2017 (a fol 4);

Ra li l-Konvenut, debitament notifikati bl-atti (a fol 3ter), laqa' ghal din l-azzjoni billi nhar id-29 ta' Dicembru 2016, ipprezenta risposta (a fol 8) fejn fiha eccepixxa t-tpaccija fil-waqt li interpona kontro-talba fejn talab li jigu likwidati danni fis-somma ta' hamest elef euro (€5,000).

Ra li l-Attrici rikonvenzjonata laqghet ghal din il-kontro-talba billi ressqet risposta (a fol 13);

Ra l-verbal tas-seduta tas-27 ta' Jannar 2017 (a fol 4) fejn Dr Carmelo Galea ghall-Konvenut rikonvenzjonant ceda l-kontro-talba;

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra l-verbal tas-seduta tal-lum fejn Dr Carmelo Galea ghall-Konvenut ammetta t-talba;

Ra li l-kawza giet posposta ghas-sentenza;

Ikkunsidra;

Illi quddiem l-ammissjoni tal-Konvenut tat-talba u c-cessjoni da parti tal-istess Konvenut rikonvenzjonant tal-kontro-talba, hu car li t-Tribunal ghandu jilqa' t-talbiet attrici.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi, prevja li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-Konvenut, jilqa' t-Talba attrici u jikkundanna lill-Konvenut ihallas lill-Attrici s-somma ta' €2,653.14, bl-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficcjali tas-7 ta' Jannar 2016 (a fol 55) fil-waqt li fir-rigward tal-kontro-talba, jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri taghha stante li ceduta. L-ispejjez kollha tal-proceduri ghandhom ikunu sopportati mill-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*